



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Frar 2022
(OR. en)

5910/22
ADD 1

AELE 4
EEE 4
N 3
ISL 3
FL 3
MI 75
ENER 39

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 33 final - ANNEX I
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 33 final - ANNEX I.

Mehmuż: COM(2022) 33 final - ANNEX I



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.2.2022
COM(2022) 33 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE**

(Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija)

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija¹ ("l-EPBD") trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Minħabba l-ispeċifitàjiet tal-istokk tal-bini relattivament reċenti u uniformi tal-Iżlanda, hemm qbil dwar l-eżenzjoni temporanja u kondizzjonali mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Din l-eżenzjoni tapplika għad-Direttiva 2010/31/UE kif kienet fis-seħħ qabel l-emenda bid-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 u hija strettament limitata fiż-żmien sakemm jintlaħaq qbil dwar l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844.
- (3) F'konformità mad-daqs żgħir ħafna tal-istokk tal-bini fil-Liechtenstein u t-tipoloġija klimatika u tal-bini tiegħu, il-Liechtenstein huwa eżentat mill-obbligu li jwettaq il-kalkoli tiegħu stess għall-istabbiliment ta' livelli kostottimali ta' rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini f'konformità mal-Artikolu 5 tal-EPBD.
- (4) In-Norveġja u l-Liechtenstein jistgħu jistipulaw regolamenti dwar ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku bl-użu ta' limitu tas-sistema differenti mill-użu tal-enerġija primarja li huwa dak meħtieġ skont l-EPBD, sakemm, madankollu, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1(c) ta' din id-Deċiżjoni.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li s-sistema taċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija operata mill-utenti fin-Norveġja tipproduċi riżultati ekwivalenti għaċ-ċertifikati maħruġin minn esperti indipendenti kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tal-EPBD, huwa propost l-adattament skont l-Artikolu 1(d).
- (6) Għalhekk, l-Anness IV tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 17 (id-Direttiva (KE) Nru 2002/91 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002) tal-Anness IV tal-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

¹ ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

“**32010 L 0031**: Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda.
- (b) Dan li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 5(2):

‘Għall-fini li jiġu stabbiliti livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku, il-Liechtenstein jista’ juża l-kalkoli ta’ Parti Kontraenti oħra li jkollha parametri komparattivi.’
- (c) Għall-fini tal-Artikolu 9(3)(a) u l-Anness I tal-EPBD, il-Liechtenstein u n-Norveġja jistgħu jibbażaw ir-rekwiżiti tagħhom għall-użu tal-enerġija fuq l-enerġija netta, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet u s-salvagwardji li ġejjin:
 - (i) Ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku jkunu stabbiliti f’konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tal-EPBD, skont il-prinċipji bażiċi tal-qafas tal-metodoloġija, li ġie stabbilit għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku².
 - (ii) Jiġi ippubblikat indikatur numeriku tal-użu tal-enerġija primarja li jikkorrispondi għar-rekwiżiti tar-rendiment enerġetiku stabbiliti fil-kodiċi tal-bini.
 - (iii) Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tirrevedi dan l-adattament speċifiku fil-kuntest tan-negożjati futuri dwar l-EPBD kif emendati bid-Direttiva (UE) 2018/844.
- (d) Dan li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 17:

‘L-Istati tal-EFTA jistgħu jistabbilixxu sistema simplifikata ta’ ċertifikazzjoni tar-rendiment enerġetiku mħaddma mill-utenti għall-bini residenzjali li tista’ tintuża bħala alternattiva għall-użu ta’ esperti jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

 - (i) Ikun hemm għarfien profund u *data* ta’ kwalità tajba disponibbli dwar l-istokk tal-bini residenzjali kollu, inklużi t-tipoloġiji tal-bini u l-faxex tal-età kollha, u l-karatteristiċi tal-involukru tal-bini u s-sistemi tekniċi tal-bini li qed jintużaw għal kull tipoloġija, li jippermetti l-kalkolu tar-rendiment enerġetiku ta’ bini individwali u unitajiet ta’ bini b’livell għoli ta’ ċertezza abbażi ta’ inputs mill-utenti,
 - (ii) Tkun disponibbli informazzjoni dettaljata dwar titjib kostottimali jew kosteffikaċi għal kull tipoloġija tal-bini,
 - (iii) Ikun hemm fis-seħħ miżuri li jappoġġaw lill-utenti biex iħaddmu s-sistema għall-fini tas-sistema li toħroġ ċertifikati tal-bini. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu helpline jew servizzi ta’ konsulenza li jippermettu kuntatt bejn l-utenti minn naħa waħda, u esperti indipendenti u esperti tas-sistema min-naħa l-oħra,

² Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta’ Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta’ metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini.

- iv) Biex jiġi żgurat li r-riskju ta' manipulazzjoni tar-riżultati jkun negliġibbli, is-sistema ta' ċertifikazzjoni mħaddma mill-utenti tinkludi mekkaniżmu/i ta' kontroll u verifika tal-kwalità biex tiġi ċċekkjata d-*data* tal-input tal-utenti u li d-*data* tal-input tal-utenti tkun trasparenti,
- v) Ikun hemm fis-seħħ sistemi ta' kontroll indipendenti biex jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment enerġetiku mħaddma mill-utenti tipproduċi riżultati ekwivalenti għal ċertifikati maħruġa minn esperti, f'termini ta' kwalità u affidabbiltà,
- vi) Is-sistema mħaddma mill-utenti toħroġ rakkomandazzjonijiet li jistgħu jagħtu pariri lill-utenti dwar titjib kostottimali jew kosteffikaċi speċifiku għall-bini u l-unitajiet tal-bini tagħhom.”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2010/31/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]